Poeżija ta' Patri Mattew Sultana

# Lir-Rebbiegħa

Preżentazzjoni mħejjija minn
Claudette Aquilina




Spiċċa l-bard, għaddiet ix-Xitwa
Tar is-sħab, libet ir-riħ
In-nies ferħet bir-rebbiegħa,
Il-ħolqien qal: "Għall-erwieħ!"
Għall-erwieħ, xi ġmiel ta' ġranet!
Qalu n-nies ilkoll flimkien ,
Ġmiel u seħer kull fejn tħares,
Ferħ u hena kullimkien
Felix CESARE photo

Bdiet iż-ziffa ħelu, ħelu,
Bħal xi omm 'l uliedha żgħar
Tmelles l-aħdar ta' ġor-raba',
Tbus is-siġar, tbus l-inwar.




Libsu l-ġonna b'ward imżewwaq,
Kollu fwieħa, kollu lwien,
Rand, riħan, sagħtar u plejju
Ħjew b'riħithom kullimkien.

Sal-għasfur ħareġ mill-bejta
Għall-imħabba;  ….. u l-ħuxlief
Beda jġorr minn fuq il-qiegħa
Fuq ġwinħajh rotob u ħfief.



O Rebbiegħa, kemm inħobbok!
Kemm togħġobni – ngħid għalija –
Timla ’l-art bil-ġmiel … u ’l qalbi
Tfawwar bl-oħla poeżija!

